# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' April 2024**

**Numru 2**

**Rikors numru 75/2014/1 AF**

**Christine Borda u b'digriet tal-11 ta' Lulju 2018 il-Qorti ordnat li isem ir-rikorrenti għandu jaqra Christine Saliba**

**v.**

**Joseph Borda**

**Il-Qorti:**

1. Din hijs sentenza minn appell prinċipali u minn appell inċidentali wara sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla li kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attriċi ammont anqas minn dak minnha reklamat bħala 'kreditu parafernali' wara li l-Ewwel Qorti interpretat il-klawsoli relattivi fil-kuntratt tas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet.

**Daħla**

2. Il-fatti rilevanti huma s-segwenti.

3. L-attriċi Christine Saliba (**l-Appellanti**) u l-konvenut Joseph Borda (**l-Appellat**) iżżewġu fl-1 ta' Ġunju, 1997. Qabel dakinhar il-partijiet kienu xtraw flimkien f'sehem indaqs bejniethom il-fond, *terraced house*, numri 52 u 54, "Arzella", Triq il-Katakombi, Marsaskala, (**il-Fond**), id-dar matrimonjali futura tagħhom.

4. Il-partijiet isseparaw in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni personali in atti Nutar Dr Ritienne Bugeja Fenech ippubblikat fl-10 ta' Lulju, 2009.[1] Dwar il-Fond ftehmu illi b'effett immedjat iqegħduh għall-bejgħ fis-suq miftuħ għall-prezz ta' €305,000 jew bi prezz ieħor bi qbil bejniethom. Intrabtu illi jivvakaw minnu kif jinstab il-bejgħ tiegħu. Ftehmu illi ħadd minnhom ma seta' jipproċedi għall-bejgħ ġudizzjarju tal-Fond qabel ma tgħaddi sena mid-data tal-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali.

5. Ftehmu wkoll illi mir-rikavat tal-bejgħ eventwali kellhom jitħallsu id-djun segwenti: (i) id-dejn li kien dovut lill-HSBC (Malta) plc "in konnessjoni ma' self fuq l-istess fond u self ieħor tal-partijiet"; (ii)

[1] Fol. 7

"kwalunkwe hlasijiet dovuti mill-partijiet sad-data ta' dan il-kuntratt tallum ghar-rigward tas-servizzi fl-istess fond, u l-ispejjez tal-kuntratt tal-bejgh tal-fond ga matrimonjali, inkluzi senserija u spejjez notarili"; (iii) kreditu parafernali favur il-mara ta' €30,281.

6. Iddikjaraw ukoll illi mill-ammont komplessiv ta' circa €193,234 dovut lill-HSBC Bank (Malta) plc, is-somma ta' €76,938.67 marbuta ma' kont numru 18047792 "ittiehed ghall-esigenzi u fl-interess tar-ragel wahdu, u ghalhekk sehem il-mara mill-prezz tal-bejgh tal-fond ga matrimonjali (oltre l-kreditu parafernali msemmi fil-paragrafu (iii)) ghandu jkun nofs il-bilanc li jifdal mill-imsemmi prezz wara li jitnaqqsu l-krediti li jkunu ghadhom dovuti mill-partijiet" lill-HSBC Bank (Malta) plc, eccetto s-somma fuq imsemmija ta' €76, 938.67, u l-ħlasijiet dovuti taħt para (iii) fuq imsemmi u cioè spejjeż tas-servizzi fil-Fond u spejjeż in konnessjoni mal-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Il-konvenut Appellat obbliga ruħu illi:

> i."... fi zmien erba' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgh tal-fond ga matrimonjali fuq imsemmi, ihallas lill-mara, li taccetta, kwalunkwe bilanc li jista' jibqa' dovut lilha skond dan il-paragrafu, jekk mir-rikavat tal-bejgh ma jkunx hemm bizzejjed fondi biex tigi sodisfatta s-somma dovuta lilha skond kif appena inghad."

7. Fost diversi stipulazzjonijiet il-partijiet ftehmu illi l-Appellanti tassenja lill-Appellat vettura ta' tip Honda kif ukoll "kull dritt u interess li hija ghandha dwar il-gestjoni tal-hanut bl-isem "Artemis Jewellery and Gifts"...... inkluz izda mhux limitatament ghall-kirja relattiva, *stock*, *goodwill*, sehem mill-profitti jew telf dwar l-istess hanut." In kontrakambju

l-Appellat assenja lill-Appellanti vettura tat-tip Volkswagen u assuma fuqu waħdu d-dejn dovut lill-bank fis-somma ta' €76,938.67 jew somma oħra verjuri marbuta mal-kont bankarju numru 18047792 kif ukoll kull obbligazzjoni naxxenti mill-kirja u ġestjoni tal-ħanut fuq imsemmi.

8. Sa żmien sena mill-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali il-Fond kien għadu ma nbiegħx. Fit-13 ta' Settembru, 2011 l-Appellanti intavolat rikors ġuramentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fejn talbet il-bejgħ b'liċitazzjoni tal-Fond kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni personali tal-10 ta' Lulju, 2009. Talbet ukoll illi mir-rikavat tal-bejgħ jitħallas id-dejn dovut lill-bank u l-bilanc jinqasam skont kif stipulat fil-kuntratt.

9. B'sentenza tat-20 ta' Lulju, 2012[2] il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet it-talbiet attriċi billi:

- Ordnat il-bejgħ b'liċitazzjoni tal-Fond flimkien mal-mobbli ta' ġo fih bl-offerti għandhom jibdew mill-prezz ta' €250,000;

- Ordat li mill-prezz rikavat jitħallsu:

(a) kwalsiasi spejjeż u taxxi relatati mal-bejgħ, dovuti mill-partijiet;

[2] Kopja a fol. 15 et. seq.

(b) mill-bilanċ jitħallas id-dejn dovut lill-bank ħlief id-dejn marbut mal-kont bankarju 18047792 fuq imsemmi;

(c) "Sussegwentement l-attrici ghandha tircievi s-somma ta' €30,281, bhala hlas tad-dejn parafernali. Dejn li fil-fehma tal-Qorti ghandu jinghata preferenza in kwantu hu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti";

(d) il-bilanc jinqasam f'sehem ugwali bejn il-partijiet b'dan illi mis-sehem spettanti lill-attriċi l-konvenut jirċievi s-somma ta' €7,297.81 rappreżentanti sehem l-attriċi mill-ħlasijiet dovuti lill-bank wara li waqfet teffettwa l-pagamenti minnha dovuti; kif ukoll is-somma ta' €1,097.15 sehem l-attriċi fir-rigward l-arretrati tal-kontijiet tad-dawl u l-ilma; filwaqt li mis-sehem spettanti lill-konvenut jitħallas lill-bank il-bilanċ fuq il-kont imsemmi numru 18047792 "sabiex b'hekk il-bank ihassar il-garanzija li qeghda taghmel tajjeb ghal dan id-dejn"

10. Ordnat ukoll illi waqt l-irkant tal-Fond il-pubbliku jiġi mistieden jagħmel l-offerti.

11. Dik is-sentenza ma ġietx appellata.

12. L-irkant taħt l-awtorità tal-Qorti nżamm fl-4 ta' Ottubru, 2012, u l-Fond ġie liberat a favur l-Appellanti għall-prezz ta' €255,000.

13. B’rikors tal-5 ta’ Otturbu 2012 fl-atti tal-irkant, l-Appellanti talbet estensjoni tat-terminu ta’ sebat ijiem kontemplat fl-Artikolu 328 tal-Kap. 12 sabiex tiddepożita l-prezz. B’digriet tal-11 ta’ Ottubru, 2012 it-talba ġiet miċħuda.

14. Fil-15 ta’ Ottubru, 2012 il-konvenut Appellat ippreżenta rikors fl-atti tal-bejgħ bl-irkant *ai termini* tal-Artikolu 329 tal-Kap. 12 fejn talab *inter alia* li minħabba n-nuqqas ta’ depożitu tal-prezz bl-irkant tal-fond, il-bejgħ bl-irkant isir mill-ġdid.

15. Fid-29 ta’ Ottubru, 2012 l-Appellanti ddepożitat nofs il-prezz, u cioè s-somma ta’ €127,500 fuq il-pretest illi hija akkwistat in-nofs indiviż appartenenti lill-Appellat *stante* li hija kienet ġia sid tan-nofs indiviż l-ieħor.

16. B’digriet tat-22 ta’ Novembru, 2012 ir-rikors tal-Appellat tal-15 ta’ Ottubru, 2012 ġie miċħud.

17. B’rikors tal-14 ta’ Jannar, 2013, u bis-saħħa tal-Artikolu 357 tal-Kap, 12, l-Appellanti talbet u ottjeniet kontra l-Appellat il-ħruġ ta’ mandat ta’ żgumbrament mill-Fond. Rikors tal-Appellat sabiex il-mandat jiġi revokat ġie miċħud wara li l-Qorti qieset illi bid-depożitu ta’ nofs il-prezz “l-intimata issodisfat id-dettami tal-imsemmi artikolu cioe’ l-aggudikazzjoni tal-fond favur taghha u li t-talba ghal hrug tal-mandat ta’

zgumbrament kontra t-terz li qed jokkupa l-fond bla titolu saret entro erba' xhur[3] mill-liberazzjoni u sakemm ma rrizultax illi l-fond rega tqieghed ghal bejgh wara wara li l-atti tas-subbasta gew dikjarati nulli, allura t-talba tar-rikorrent ma tistax tigi akkolta."[4]

18. Fit-12 ta' Lulju, 2013 HSBC Bank Malta plc ippreżenta rikors fl-atti tal-bejgħ b'liċitazzjoni numru 78/2012 fejn irrefera għas-sentenza fl-ismijiet **'Christine Borda vs. Joseph Borda'** deċiża mill-Prim'Awla fit-30 ta' Lulju, 2012 li kienet ordnat il-bejgħ b'liċitazzjoni tal-Fond u talab illi mill-ammont depożitat mill-Appellanti (€127,500); jiżbanka s-somma ta' €119,472.56, rappreżentanti l-ammont kollu li kien baqa' lilu dovut mill-partijiet sal-10 ta' Lulju, 2013. B'digriet tad-9 ta' Ottubru, 2013 it-talba tal-bank ġiet milqugħa bil-kondizzjoni illi kontestwalment mal-iżbank, il-bank jiddikjara illi "bl-izbank id-dejn hu mhallas" u "kif jircievi l-hlas jiehu hsieb li ghal kull buon fini jsir il-kancellament tal-garanziji li hemm fuq il-fond u fil-konfront tal-konjugi Borda."

19. Fit-30 ta' Settembru, 2013 l-Appellanti ppreżentat ittra uffiċjali kontra l-Appellat fejn talbet il-ħlas tas-somma ta' €30,281 imsemmija fil-kuntratt tas-separazzjoni personali bħala "kreditu parafernali" tagħha.

---

[3] **Artikolu 357 tal-Kap. 12** ġie emendat b'**Att IV tal-2016** li permezz tiegħu t-terminu ta' erba' xhur ġie estiz għal sena.
[4] Kopja tad-digriet a fol. 206 *et seq*.

20. Fil-5 ta' Novembru, 2013 l-Appellanti talbet u ottjeniet il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru eżekuttiv (nru. 1691/2013) kontra l-Appellat għas-somma ta' €30,281 wara li ddikjarat illi t-titolu eżekuttiv tagħha kien naxxenti mill-kuntratt tas-separazzjoni personali u wara l-interpellazzjoni uffiċjali fuq imsemmija. L-Appellat istitwixxa proċeduri kontra l-Appellanti *ai termini* tal-Artikolu 281 tal-Kap. 12 fejn talab, għar-raġunijiet minnu mogħtija, għar-revoka ta' dak il-mandat eżekuttiv; talba li ġiet akkolta b'deċiżjoni tal-4 ta' Diċembru, 2013 wara li l-Qorti qieset fost l-oħrajn illi l-ammont reklamat mill-Appellanti ma kienx ċert, likwidu u li għalaq għaliex kien meħtieġ "li jsiru l-kalkoli kollha ta' tnaqqis ta' djun ohra mill-ammont rikavat"[5]. Dik id-deċiżjoni ma ġietx appellata.

21. Fit-28 ta' Jannar, 2014 l-Appellanti ppreżentat quddiem il-Qorti Ċivili, Prim'Awla (**l-Ewwel Qorti**) rikors maħluf kontra l-Appellat li ta bidu għall-kawża odjerna. Hija talbet lill-Qorti:

> 1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-esponenti hija kreditrici flammont ta' tletin elf mitejn wiehed u tmenin Ewro (€30,281) rapprezentanti kreditu parafernali dovut lilha kif premess fil-korp ta' dan ir-rikors mahluf.
>
> 2. Tiddikjara u tiddeciedi illi minkejja l-bejgh tad-dar gjà matrimonjali tal-kontendenti ossija l-fond bin-numru 52 u 54, "Arzella", Triq il-Katakombi, Marsaskala, l-kreditu parafernali ta' tletin elf mitejn u wiehed u tmenin Ewro (€30,281) dovut lill-esponenti ma thallasx, la fis-shih u lanqas in parti.
>
> 3. Tiddikjara u tiddeciedi illi minkejja illi mir-rikavat tal-bejgh hawn fuq imsemmi ma hemmx fondi bizzejjed sabiex tigi sodisfatta s-somma dovuta lill-esponenti u minkejja li ghaddew aktar minn erba' (4) xhur mid-data tal-bejgh hawn fuq imsemmi, l-konvenut baqa' ma hallas xejn lill-esponenti sabiex jissodisfa l-kreditu dovut lilha skond kif obbliga ruhu li

[5] Kopja tad-digriet a fol. 366 *et seq*.

jaghmel ai termini tal-klawsola citata fittielet (3) premessa ta' dan ir-rikors mahluf u illi ghalhekk il-konvenut huwa inadempjenti fl-obbligu minnu assunt fil-konfront ta' l-esponenti.

4. Tididkjara u tiddeciedi illi l-konvenut ghandu jhallas lill-esponenti l-ammont ta' tletin elf mitejn u wiehed u tmenin Ewro (30,281) rapprezentanti kreditu lilha dovut kif fuq inghad u illi ghalhekk huwa debitur tal-esponenti f'dan l-ammont.

5. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-esponenti l-imsemmi ammont ta' tletin elf wiehed u tmenin Ewro (€30,281).

6. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-esponenti l-imghaxijiet legali fuq l-ammont ta' tletin elf mitejn u wiehed u tmenin Ewro (€30,281) b'effett minn erba' (4) xhur mid-data tal-bejgh hawn fuq imsemmi jigifieri minn nhar l-4 ta' Frar 2013 sad-data tal-pagament effettiv u dana minhabba n-nuqqas tal-konvneut li jhallas lill-esponenti fiz-zmien miftiehem.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficcjali ta' nhar it-30 ta' Settembru, 2013, tal-mandat ta' sekwestru ezekuttiv bin-numru 1691/2013 u tar-rikors ghar-revoka bin-numru 1074/2013 u ta' kull att u jew mandat iehor ipprezentat fil-mori ta' dawn ilproceduri u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li huwa minn issa stess ngunt in subizzjoni.

22. Il-konvenut Appellat laqa' għat-talbiet attriċi billi ressaq l-eċċezzjonijiet segwenti:

1. Fl-ewwel lok, l-esponent jirrileva illi dwar l-istess mertu tal-kawza odjerna, r-rikorrenti digà pprezentat mandat ezekuttiv kontra l-esponent ghaliex ikkontendiet li kellha titolu ezekuttiv kontrih, liema mandat gie revokat minn din l-Onorabbli Qorti (kif presjeduta).

2. It-talbiet kollha kif kontenuti fir-rikors mahluf promotur ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra r-rikorrenti stante li l-intimat m'ghandu jaghti xejn lir-rikorrenti. Din hi kawza fejn ir-rikorrenti qed tittenta tarrikkixxi ruhha ingustament, u xejn izjed, billi digà hadet dak li kellha jedd li tiehu.

3. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili b'sentenza tat-30 ta' Lulju 2012 (Rikors Mahluf 901/2011 AE) digà ddecidiet b'mod definittiv, stante li ghaddiet in gudikat billi ma giet appellata mill-ebda parti, dwar kif kellu jinqasam ir-rikavat mill-bejgh tal-fond gja matrimonjali, u pprovdiet ukoll dwar x'kellhom jircievu u jhallsu l-partijiet rispettivament. Dak hemm deciz, u li gie ri-konfermat mill-istess Qorti f'digriet iehor li nghata fl-atti tal-bejgh b'licitazzjoni li segwa din is-sentenza, ma jista' jigi varjat minn ebda Qorti ohra, kif indirettament qed tipprova taghmel irrikorrenti.

4. Ir-rikors mahluf ma hux xejn hlief wiehed minn sensiela ta' atti gudizzjarji intavolati mir-rikorrenti, kif xprunata mir-ragel taghha tal-lum, intizi sabiex jivvessaw lill-intimat fosthom billi jintavolaw pluralità ta' mandati kontra tieghu biex jiddanneggjaw il-posizzjoni tieghu bhala ufficcjal ta' Bank lokali. Sahansitra, mill-lista ta' xhieda ndikati mir-rikorrenti, wiehed mill-ewwel jaghraf li r-rikors sar biex idejjaq (vessatorju), anke billi gew indkati bhala xhieda tar-rikorrenti l-avukat sottoskritt, kif ukoll l-Imhallef Anthony Ellul li ddecieda l-kawza ta' licitazzjoni bejn il-kontendenti dwar il-fond gja matrimonjali taghhom.

23. B'sentenza tas-27 ta' Frar, 2020 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi:

i. Għall-finijiet tal-ewwel u t-tieni talba tiddikjara li l-attriċi hija kreditriċi tal-konvenut fis-somma ta' erbat'elef mitejn u tnejn u hamsin Ewro u hamsa u tletin centezmi (€4,252.35) u minkejja l-bejgħ tad-dar ġjà matrimonjali tal-kontendenti dan l-ammont għadu ma tħallasx;

ii. Tiċħad it-tielet talba;

iii. Tilqa' r-raba' talba limitatament billi tiddikjara li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi s-somma ta' erbat'elef mitejn u tnejn u hamsin Ewro u hamsa u tletin centezmi (€4,252.35);

iv. Għall-finijiet tal-ħames talba tawtorizza lill-attriċi tiżbanka ssomma ta' erbat'elef mitejn u tnejn u hamsin Ewro u hamsa u tletin centezmi (€4,252.35) mil-bilanċ tar-rikavat tal-bejgħ ta' sehem il-konvenut tad-dar ġjà matrimonjali tal-kontendenti. F'każ illi għal xi raġuni ma hemmx biżżejjed fondi mir-rikavat tal-bejgħ sabiex jitħallas dan il-kreditu, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dan l-ammont;

v. Għall-finijiet tas-sitt talba, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-imgħax fuq is-somma ta' erbat'elef mitejn u tnejn u hamsin Ewro u hamsa u tletin centezmi (€4,252.35) mill-21 ta' Frar 2014, u ċioè mid-data meta l-konvenut ġie notifikat bir-rikors ġuramentat tal-attriċi.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż tal-kawża għandhom jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet.

24. L-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-konsiderazzjonijiet segwenti:

"Stante li mir-rikavat tal-bejgħ m'għadx baqa' bilanċ sabiex l-attriċi titħallas il-kreditu parafernali dovut lilha ta' €30,281, hija intavolat din il-

kawża peress illi l-konvenut baqa' ma ħallasx dan il-kreditu minn flushu fi żmien erba' xhur minn meta nbiegħet id-dar.

Da parti tiegħu, il-konvenut eċċepixxa li huwa m'għandu jagħti xejn lill-attriċi u li dwar kif kellu jinqasam ir-rikavat tal-bejgħ diġà ġie deċiż minn din il-Qorti diversament presjeduta. Huwa jkompli billi jgħid illi l-proċeduri odjerni huma vessatorji.

Jirriżulta mhux kontestat li din is-somma ta' €30,281 hija kompriża mis-somma ta' Lm10,000, illum €23,294, li missier l-attriċi kien avvanza lill-kontendenti sabiex jgħinhom fin-negozju u Lm3000, illum €6,988, li huwa l-bilanċ dovut fuq somma akbar li missier l-attriċi kien silef lill-kontendenti għall-bżonnijiet tal-istess negozju.

Fil-kuntratt ta' separazzjoni l-kreditu li qiegħda tirriklama l-attriċi ġie msejjaħ 'kreditu parafernali' u dwar dan ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet. L-attriċi ma taqbilx illi dan huwa dejn tal-komunjoni tal-akkwisti u fil-fatt tikkontendi li din il-Qorti diversament presjeduta kienet żbaljata meta fid-deċiżjoni tagħha qalet li dan id-dejn huwa fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti ġjà eżistenti bejn il-partijiet.

Din il-Qorti ma tikkondividix din il-fehma tal-attriċi. Mhux kontestat li din is-somma flus ġiet investita fin-negozju li kien jiġġestixxi l-konvenut. Minkejja li l-attriċi tipprova tagħti impressjoni mod ieħor, huwa ċar illi dan id-dejn jiggrava l-komunjoni tal-akkwisti bħala atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju, jew professjoni (artikolu 1324 tal-Kapitolu 16).6 Tant hu hekk, illi l-partijiet ftehmu li dan il-kreditu parafernali favur il-mara għandu jitnaqqas mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar ġja matrimonjali u ċioè mill-assi tal-komunjoni.

L-istipulazzjoni fil-kuntratt fis-sens illi l-konvenut irid jagħmel tajjeb għall-ħlas ta' dan il-kreditu parafernali f'każ illi ma jkunx għad baqa' biżżejjed flus sabiex jitħallas mir-rikavat tal-bejgħ huwa fil-fatt riflessjoni ta' dak li jgħid l-artikolu 1330 tal-Kap. 16 u ċioè li meta l-beni tal-komunjoni tal-akkwisti ma jkunux biżżejjed biex jitħallsu d-djun li jkunu piż fuqhom, il-kredituri ta' dik il-komunjoni jistghu jinforzaw it-talba taghhom *in subsidium* kontra l-beni parafernali tal-miżżewġin. B'dan però, li jekk id-dejn in kwistjoni (u hawn qed nitkellmu fuq djun tal-komunjoni) jinħoloq mill-ezerċizzju ta' negozju kif imsemmi fl-artikolu 1324, allura l-kredituri jistgħu jinfurzaw dak id-dejn *in subsidium* fuq l-assi parafernali biss tal-parti li ħoloq dak id-dejn, f'dan il-każ fuq l-assi parafernali tal-konvenut għaliex kien hu li jiġġestixxi n-negozju.

Kif diġà ntqal, il-konvenut jeċċepixxi li huwa m'għandu jagħti xejn lill-attriċi. Mill-provi jirriżulta li t-teżi tal-konvenut hija li lattriċi ħadet sehemha fi proprjetà. Filwaqt illi l-Qorti ser tibda billi tirrileva li l-kalkoli tal-konvenut huma matematikament skorretti.

Il-Qorti tqis illi r-raġunament tal-konvenuti ma jsegwi l-ebda loġika jew matematika u dan għaliex huwa jitlaq mill-premessa żbaljata li d-dejn fuq

il-kontijiet kien ta' €49,729.57 kif ukoll illi l-kontenut tal-affidavit addizzjonali tiegħu fejn mal-kalkoli tiegħu iżid is-somma li żbanka l-bank hija kompletament skorretta stante li l-bank tħallas ukoll tal-kont personali tal-konvenut li ġie maqbul illi mhuwiex ser jitnaqqas mir-rikavat tal-bejgħ qabel ma l-partijiet jieħdu sehemhom biex b'hekk l-attriċi ma tiġix li ser tagħmel tajjeb bi flusha għal dan il-kont.

Madanakollu, il-konvenut għandu raġun meta jgħid li s-somma ta' €30,281 kif qiegħda tippretendi ghas-sempliċi raġuni li stabbilit li dan il-kreditu parafernali huwa versu l-komunjoni tal-akkwisti, skont ma fil-fatt ġie maqbul fil-kuntratt ta' separazzjoni, irid jitnaqqas mill-assi tal-komunjoni, u ċioè mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar, qabel ma l-istess kreditu jitħallas lill-attriċi b'dan illi attwalment lill-attriċi kienet dovuta biss is-somma ta' €15,140.50.

Dan peress illi bil-mod illi qiegħda tirraġuna l-attriċi u kif fil-fatt ġara meta hija akkwistat bil-liċitazzjoni s-sehem tal-attur u ħallset sehemha tad-dejn mal-bank, hija ma naqsitx il-kreditu parafernali li qiegħda tippretendi mir-rikavat tal-bejgħ flimkien mad-dejn mal-bank, qabel mas-sehem tagħha tar-rikavat hija żiedet dan il-kreditu parafernali li kellha titħallas mis-sehem tal-konvenut jew addirittura minn flus oħra tiegħu jekk ikun il-każ.

B'li għamlet l-attriċi, hija żammet il-valur tas-sehem tagħha ta' nofs id-dar, u ċioè €127,500 u ħarġet minn flusha nofs id-djun li ġie maqbul li jrid jitħallas mir-rikavat biex b'hekk spiċċat b'valur ta' €77,770.43.

Iżda li kieku l-partijiet mxew ma' dak li ġie maqbul fil-kuntratt ta' separazzjoni, li kellu jsir kien illi mir-rikavat tal-bejgħ (€255,000) kellhom l-ewwel jitnaqqsu d-djun tal-bank li ġie miftiehem ser jitħallsu bejniethom mir-rikavat (il-Qorti qiegħda tassumi s-somma ta' €99,459.14 kif ukoll il-kreditu parafernali ta' €30,281) imbagħad sehem il-konvenuta kellu jkun nofs ilbilanċ li jkun għad-fadal mir-rikavat flimkien mal-kreditu parafernali jiġifieri €92,910.93 jiġifieri lill-attriċi għad baqghalha titħallas €15,140.50.

Il-Qorti mhijiex qiegħda tqis djun oħra bħal kontijiet kif hemm stipulat fil-kuntratt għall-raġunijiet ta' prattiċità iżda ma jirriżultax mill-atti li l-attriċi qatt ħallset dak ordnat minn din il-Qorti diversament presjeduta u ċioè nofs il-pagamenti mensili li ħallas lill-bank il-konvenut u sehemha mill-kontijiet li ħallas ilkonvenut u allura dawn ukoll iridu jitnaqqsu mill-bilanċ li huwa dovut lilha mingħand il-konvenut.

L-attriċi fil-kawża ta' liċitazzjoni qablet li kien hemm pagamenti tal-bank li ħallas il-konvenut u li trid tagħmel tajjeb għal sehemha kif ukoll sehemha tal-kontijiet li ħallas il-konvenut kif ukoll f'din il-kawża ma kkontestatx illi kien hemm xi pagamenti addizzjonali minn Frar 2012 'l quddiem li wkoll ħallas il-konvenut biex b'hekk jirriżulta li mill-bilanċ ta' €15,140.50 iridu jitnaqqsu €10,888.15 biex b'hekk jibqa' bilanċ ta' €4,252.35 dovut lill-attriċi mingħand il-konvenut.

> L-attriċi qiegħda titlob mingħand din il-Qorti dikjarazzjoni fis-sens li mir-rikavat tal-bejgħ ta' sehem il-konvenut tad-dar ġjà matrimonjali ma hemmx biżżejjed fondi sabiex tiġi sodisfatta s-somma dovuta lill-attriċi. Madanakollu mill-atti jirriżulta biss li l-bank żbanka s-somma ta' 119,472.56. Mhuwiex ċar allura jekk hemmx biżżejjed fondi sabiex jiġi saldat il-bilanċ li għad hemm dovut lill-attriċi skont din is-sentenza. Isegwi għalhekk li mhux dovut lill-attriċi l-ebda imgħax fuq dan il-bilanċ f'każ li hemm biżżejjed fondi mir-rikavat tal-bejgħ sabiex jiġi saldat il-kreditu ta' €4,252.35 dovut lill-attriċi."

25. L-attriċi Appellanti ħasset ruħha aggravata b'dik is-sentenza u interponiet appell b'rikors tal-appell ippreżentat fis-6 ta' Mejju, 2020, li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talbet lil din il-Qorti "tilqa' dan l-appell, tvarja, tibdel u tirriforma s-sentenza appellata" billi (i) tikkonfermaha in kwantu ma laqgħetx l-eċċezzjonijiet tal-konvenut appellat; u (ii) tħassarha, tirrevokaha u tannullaha fil-bqija u minflok tilqa' l-appell billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti fir-rikors maħluf.

26. Il-konvenut Appellat ippreżenta risposta u appell inċidentali fl-4 ta' Jannar 2021 li permezz tagħhom, għar-raġunijiet hemm mogħtija, talab illi l-appell tal-attriċi jiġi riġettat filwaqt li talab li l-appell inċidentali tiegħu jiġi milqugħ u t-talbiet attriċi jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħha.

27. Din il-Qorti appuntat l-appell u l-appell inċidentali għas-smigħ u wara li semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet fis-seduta tat-13 ta' Frar, 2024 ħalliet l-appell u l-appell inċidentali għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**L-Appell Prinċipali**.

28. L-attriċi Appellanti ressqet erba' aggravji.

29. Permezz tal-ewwel aggravju tgħid illi l-Ewwel Qorti naqset milli tapprezza sew u b'mod xieraq il-provi kollha ppreżentati minnha, b'mod partikolari dawk li juru l-eżistenza u x-xorta tal-kreditu reklamat minnha u d-dokumenti illi juru l-istess. Tgħid illi s-sentenza appellata hija nieqsa minn eżami tad-dokumenti kollha illi ppreċedew il-kuntratt tas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet. Tgħid illi l-kuntratt tas-separazzjoni, apparti li jispeċifika illi l-ammont ta' €30,281 kien "kreditu parafernali favur il-mara", u li sehemha mir-rikavat tal-prezz kellu jkun nofs il-bilanċ li jibqa' wara li jitnaqqsu d-djun hemm speċifikati "oltre l-kreditu parafernali msemmi fil-paragrafu (iii)" (ie. is-somma ta' €30,281). L-Appellanti tgħid illi skont il-kuntratt tas-separazzjoni s-somma msemmija ta' €30,281 kellha titħallas lilha mhux mill-flus komuni iżda mill-flus tal-konvenut ie. mis-sehem tiegħu mir-rikavat tal-bejgħ tal-Fond wara li r-rikavat jiġi diviż. Tgħaddi mbagħad l-Appellanti sabiex tagħmel analiżi dettaljata tal-korrispondenza li għaddiet bejn il-partijiet qabel waslu għas-separazzjoni konsenswali li skont l-attriċi juru illi "sehem l-esponenti kellu dejjem jiżdied bis-somma ta' tletin elf mitejn wieħed u tmenin ewro (€30,281)."

30. In sostenn ta' dan l-ewwel aggravju l-Appellanti tgħaddi mbagħad sabiex issemmi illi hi ma ġietx kontroeżaminata mill-Appellat u għalhekk l-Ewwel Qorti kellha tikkonsidra illi l-konvenut issokkomba għax-xhieda tagħha fejn emfasizzat illi skont il-ftehim ta' bejniethom sehemha mir-rikavat tal-bejgħ tal-Fond kellu jiżdied bis-somma ta' €30,281.

31. Tirreferi mbagħad għax-xhieda tal-konvenut mogħtija fl-4 ta' April, 2016 fejn xhed, b'referenza għal email partikolari, u qal illi "Dan l-e-email juri illi mis-sehem tiegħi kellhom jonqsu tlettax-il elf liri Maltin li kellhom jiżdiedu mas-sehem ta' Christine. Jista' jkun li dak iż-żmien in-negozjati kienu waslu f'dan l-istadju." Tgħid illi dan huwa konferma illi "l-kreditu reklamat minnha huwa dovut lilha fl-intier tiegħu mill-konvenut appellat" u mhux mill-flus komuni. Tgħid li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qieset illi "huwa ċar illi dan id-dejn jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti bħala atti normali ta' ġestjoni ta' kummerċ, negozju jew professjoni (artikolu 1324 tal-Kapitolu 16)". Tant hu hekk, illi l-partijiet ftehmu li dan il-kreditu parafernali favur il-mara għandu jitnaqqas mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar ġja matrimonjali u cioe' mill-assi tal-komunjoni." Tgħid illi hawn ma kellux x'jaqsam Artikolu 1324 tal-Kap. 16 għaliex si tratta ta' interpretazzjoni ta' kuntratt. Tgħid illi l-korrispondenza anteċedenti l-kuntratt ta' separazzjoni personali turi illi l-kreditu parafernali tagħha kellu jiżdied mas-sehem tagħha mill-bejgħ tal-Fond. Tgħid illi dan kollu huwa

kkonfermat mill-klawsola fl-istess kuntratt fejn ġie stipulat illi jekk mir-rikavat tal-bejgħ tal-Fond ma jkunx hemm biżżejjed fondi sabiex dak l-ammont jitħallas lilha, l-konvenut kellu jħallsu fi żmien erba' xhur mill-kuntratt. Tgħid illi qatt ma kien hemm ftehim illi l-ammont ta' €30,281 jitnaqqas bin-nofs, li huwa l-effett jekk din is-somma titħallas mill-flus komuni u mhux mill-flus appartenenti lill-konvenut waħdu. Tgħid li għalhekk l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta rriteniet illi:

> i. Madanakollu, il-konvenut għandu raġun meta jgħid li s-somma ta' €30,281 kif qiegħda tippretendi ghas-sempliċi raġuni li stabbilit li dan il-kreditu parafernali huwa versu l-komunjoni tal-akkwisti, skont ma fil-fatt ġie maqbul fil-kuntratt ta' separazzjoni, irid jitnaqqas mill-assi tal-komunjoni, u ċioè mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar, qabel ma l-istess kreditu jitħallas lill-attriċi b'dan illi attwalment lill-attriċi kienet dovuta biss is-somma ta' €15,140.50.

32. L-Appellanti tisħaq illi skont il-kuntratt is-somma ta' €30,281 jrid jiżdied ma' sehemha u mhux jitnaqqas minn sehemha.

33. L-Appellanti tgħaddi mbagħad sabiex tikritika s-sentenza tat-30 ta' Lulju, 2012 fejn filwaqt li ordnat il-bejgħ b'liċitazzjoni tal-Fond iddikjarat illi l-kreditu tal-Appellanti għas-somma ta' €30,281 kien kreditu "fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti". Tgħid li dan kien *misnomer* peress li l-komunjoni kienet ilha xolta bil-kuntratt tas-separazzjoni tal-10 ta' Lulju, 2009. Tgħid illi l-fatt li l-Appellanti ma kenitx appellat minn dik is-sentenza "ma jfisser xejn" billi ladarba t-talbiet tagħha f'dik il-kawża kienu ntlaqgħu "ma hemm l-ebda dritt ta' appell minn obiter dicta jew minn motivazzjon".

34. Tagħlaq l-ewwel aggravju tagħha billi tirreferi għal diversi siltiet mix-xhieda tal-Appellat li skont l-Appellanti "jagħti pluralita' ta' verżjonijiet illi juri kemm mhuwiex jgħid is-sewwa".

35. L-Appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid illi d-dokumenti li tagħmel referenza għalihom l-Appellanti ma huma xejn ħlief korrispondenza li saret bejn il-partijiet u bejn il-konsulenti legali tal-partijiet, fuq bażi ta' mingħajr preġudizzju, fl-istadju tan-negozjati tal-kuntratt ta' separazzjoni personali. Jgħid illi l-Qorti ddikjarat illi wara li semgħat ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kawża kkonkludiet li ma tikkondividix […] il-fehma tal-attriċi fejn "l-attrċi ma taqbilx illi dan huwa dejn tal-komunjoni tal-akkwisti u fil-fatt tikkontendi li din il-Qorti diversament presjeduta kienet żbaljata meta fid-deċiżjoni tagħha qalet li dan id-dejn huwa fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti ġja eżistenti bejn il-partijiet." Għalhekk isostni illi l-Ewwel Qorti ġustament ikkonkludiet li l-kreditu parafernali mertu tal-kawża kien kreditu li jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti, u mhux kreditu dovut esklussivament mill-konvenut. Konsegwentement jisħaq illi dan il-kreditu kellu jitnaqqas mir-rikavat tal-bejgħ tal-Fond "qabel dan ir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet, u ma kellux jitħallas biss mis-sehem tal-esponent, kif qiegħda tippretendi l-appellanti".

36. Jisħaq l-Appellat illi l-Ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni appellata wara li qieset kemm il-kuntratt tas-separazzjoni personali kif ukoll is-sentenza mogħtija mill-istess Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Lulju, 2012. Jenfasizza l-Appellant illi dik is-sentenza ma ġietx appellata u għaldaqstant għaddiet f'ġudikat.

37. Jgħid illi l-Ewwel Qorti ma straħitx fuq il-korrispondenza li ppreċediet il-kuntratt ta' separazzjoni għaliex tali korrispondenza ma kellha l-ebda rilevanza peress li dak li jorbot lill-partijiet huwa (i) il-kliem tal-kuntratt , u (ii) is-sentenza fejn ġiet ordnata l-liċitazzjoni tal-Fond u fejn "spjegat b'mod dettaljat u inekwivoku kif kellhom jitħallsu d-djun (inkluż id-dejn mertu tal-kawża odjerna) u kif kellu jinqasam ir-rikavat." Jisħaq illi l-kreditu dovut lill-Appellanti kien dejn tal-komunjoni tal-akkwisti u li kellu jitnaqqas mir-rikavat tal-bejgħ tal-Fond qabel dan ir-rikavat jinqasam bejn il-partijiet.

Ikkunsidrat;

38. Permezz tal-<u>ewwel aggravju</u> tagħha l-Appellanti tikkontendi illi l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi.

39. Hija ġurisprudenza assodata illi Qorti tat-tieni grad ma għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li tkun għamlet il-Qorti tal-ewwel grad jekk mhux għal raġunijiet serji, gravi u impellenti. Mod ieħor, din il-Qorti

għandha s-setgħa, u d-dover, li tiddisturba l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata jekk jirriżultaw ċirkostanzi eċċezzjonali, jew meta jintwera li dak l-apprezzament ikun wieħed irraġjonevoli, jew manifestament żbaljata jew jekk jirriżulta illi l-apprezzament tal-fatti huwa kontradett mill-atti jew għax ikun hemm raġunijiet gravi biżżejjed bil-konsegwenza li jekk ma tintervjenix il-Qorti tat-tieni grad tkun ser titwettaq inġustizzja (**Antoine Spiteri v. Mario Vella et.** - Qorti tal-Appell - 15 ta' Novembru, 2023).

40. Illum huwa aċċettat illi fejn jidħol l-apprezzament tal-provi mwettaq minn Qorti tal-ewwel istanza, "il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom Qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-Ewwel Qorti tkun semgħet *viva voce* Qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-Ewwel Qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkoreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti" (**Dr**

**Antoinette Cutajar v. l-Onor. Dr Joseph Muscat – Prim Ministru et.** – Qorti tal-Appell – 14 ta' Diċembru, 2018; ara wkoll **Stephen Tanti et. v. Louis Scerri Montalto et.** – Qorti tal-Appell – 8 ta' Ottubru, 2020).

41. L-ewwel aggravju tal-Appellanti ma hux biss imsejjes fuq apprezzament żbaljat tal-fatti imma jattakka wkoll is-sentenza appellata deskritta mill-Appellanti bħala li straħet fuq is-sentenza tat-30 ta' Lulju, 2012 fejn ordnat li mir-rikavat tal-bejgħ is-somma ta' €30,281 kellha titħallas lill-Appellanti mill-fondi komuni qabel ma l-bilanċ jinqasam bejn il-partijiet.

42. L-Appellanti tgħid illi dik il-parti tas-sentenza ma torbotx lill-partijiet għaliex meta fis-sentenza jingħad illi s-somma ta' €30,281 kienet dejn tal-komunjoni, kienet dikjarazzjoni *obiter* u *misnomer* għaliex il-komunjoni tal-akkwisti kienet ilha li ġiet xolta.

43. Minn qari tas-sentenza appellata ma jirriżultax illi l-Ewwel Qorti kkonsidrat is-sentenza tal-2012 bħala ġudikat b'tali mod li jimpediha milli tinterpreta mill-ġdid il-kuntratt tas-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet. Tant hu hekk illi l-eċċezzjoni tar-*res judicata* mressqa mill-konvenut ma ġietx la trattata u lanqas deċiża b'kap għaliha. Minflok l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament tal-provi mressqa quddiemha, interpretat il-kuntratt tas-separazzjoni personali tal-partijiet u waslet għall-

konklużjoni illi skont il-kuntratt tas-separazzjoni s-somma ta' €30,281 kellha tiġi perċepita mir-rikavat tal-bejgħ tas-subbasta u cioè mill-fondi komuni u mhux mill-fondi tal-konvenut biss.

44. Għalkemm tali konklużjoni hija konsoni mas-sentenza tal-2012, ma jirriżultax li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti qieset is-sentenza tat-2012 bħala ġudikat għall-mertu tal-kawża odjerna. Tant hu hekk illi għamlet apprezzament sħiħ tal-provi miġjuba quddiemha filwaqt li l-ebda konsiderazzjoni ma għamlet l-Ewwel Qorti dwar l-elementi kostituttivi tal-istitut tar-*res judicata*. Kieku l-Ewwel Qorti kienet qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-ġudikat, ma kien ikun hemm l-ebda ħtieġa li jsir apprezzament tal-provi kif sar fis-sentenza appellata; għaliex l-akkoljiment tal-eċċezzjoni tar-*res judicata* jwassal għal-liberazzjoni mill-osservanza tal-ġudizzju mingħajr il-ħtieġa li jiġi deċiż jekk it-talbiet attriċi humiex mistħoqqa jew le fil-mertu. (**Joseph Portelli v. Joseph Stellini et.** - Qorti tal-Appell - 30 ta' Ottubru, 2015).

45. L-ewwel aggravju huwa kritika tal-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li wasluha għall-konklużjoni illi s-somma ta' €30,281 kellha tiġi perċepita mill-attriċi mill-assi tal-komuni tal-partijiet u mhux mill-assi li jappartjenu biss lill-konvenut.

46. Jeħtieġ għalhekk li din il-Qorti teżamina l-provi mressqa sabiex tqis jekk l-Ewwel Qorti għamlitx apprezzament żbaljat tagħhom. Essenzjalment huwa eżerċizzju konsistenti fl-interpretazzjoni tal-kuntratt ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet.

47. Bħala punt ta' tluq tajjeb li jiġi sottolineat illi l-principju kardinali li jirregola l-istitut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali għandu jigi rispettat u li hi l-volontà tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali in osservanza tal-massima legali "pacta sunt servanda". Dan wara kollox huwa dak li jipprovdi **Artikolu 992 tal-Kodiċi Ċivili** li l-kuntratti magħmulin skont il-liġi għandhom is-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet. (**Gloria Beacon et v. L-Arkitett u Inġinier Civili Anthony Spiteri Staines** – Qorti tal-Appell - 5 ta' Ottubru 1998).

48. Il-prinċipju stabbilit fl-**Artikolu 1002 tal-Kodiċi Ċivili**, illi meta l-kliem ta' konvenzjoni meħud fis-sens skont l-użu tal-kuntratt hu ċar, ma hemmx lok ta' interpretazzjoni, għaliex tali interpretazzjoni, anke supplita minn xhieda, tista' tingħata biss sabiex teluċida l-kuntratt f'xi patt inċidentali jew aċċessorju tiegħu. (**Carmela Borg v. Bartolomeo Xuereb** - Qorti tal-Appell - 30 ta' Marzu 1997). Dan huwa wkoll konformi mal-prinċipju regolanti l-istitut tal-interpretazzjoni tal-kuntratti illi *contra scriptum non est argumentum*. Applikabbli dan il-prinċipju sakemm ma tingiebx prova li l-kuntratt huwa nieqes minn xi element kostituttiv tiegħu.

(**Joseph Grech Sant noe. v. Av Dr Riccardo Farrugia et noe.** - Qorti tal-Appell - 28 ta' Frar 1997).

49. Huwa biss f'każ fejn oġġettivament jinħoloq dubju dwar is-sens mogħti lill-konvenzjoni, li l-ġudikant għandu jislet l-intenzjoni tal-partijiet skont kif riflessa fil-konvenzjoni. Fejn il-konvenzjoni hi ċara u fejn il-fatti li jkunu wasslu għaliha, kif ukoll fatti sussegwenti, ma jpoġġux fid-dubju dwar x'kienet verament il-volontà tal-kontraenti, ma jkunx leċitu għall-ġudikant illi jagħti lil dik l-iskrittura tifsira differenti minn dak liberament espress mill-kontraenti, għaliex il-prinċipju tad-dritt huwa: *in claris non fit interpretatio* (**Antoine Xerri et. v. Bartolomeo Debono et.** - Qorti tal-Appell - 9 ta' April, 2024; **Rosario Cortis v. Angelo Farrugia et.** - Qorti tal-Appell - 10 ta' Ottubru, 2023).

50. Mhux l-interpretazzjoni tal-partijiet għall-kliem tal-ftehim, jew is-sens differenti li huma jagħtu lill-kliem li jiswa. Li għandu jorbot huwa t-tifsira tal-kliem fis-sens ordinarju tagħhom kif tirriżulta minn qari oġġettiv tal-konvenzjoni fil-kuntest ta' kif ġie użat mill-kontraenti li għandu jorbot. Huwa biss meta t-termini tal-kuntratt huma oskuri u jagħtu lok għall-dubju dwar dak stipulat li tiskatta l-ħtieġa tar-riċerka minn provi oħra lil hinn mit-termini tal-konvenzjoni dwar x'kienet verament l-intenzjoni komuni tal-partijiet (**Nazzareno Vella noe. et. v. Joseph Abela noe. et.** - Qorti tal-Appell - 14 ta' Jannar, 2002).

51. Dwar is-sottomissjoni tal-Appellanti illi għaliex ma sarilix kontroeżami allura l-Appellat kien issokkomba għat-testimonjanza tagħha, din il-Qorti tqis illi n-nuqqas ta' kontroeżami huwa wieħed mill-elementi li jittieħdu in konsiderazzjoni mill-Qorti fl-evalwazzjoni ta' xhieda u provi konfliġġenti mressqa quddiemha. F'tali ċirkostanza però l-Qorti mhix marbuta li taċċetta l-verżjoni ta' xhud li ma ġiex kontroeżaminat.

52. Applikati dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali u l-liġi rilevanti għall-mertu ta' dan l-appell, wara li din il-Qorti eżaminat b'reqqa l-istipulazzjonijiet li l-partijiet volontarjament inkludew fil-kuntratt tas-separazzjoni personali tagħhom, tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet segwenti.

53. Skont <u>klawsola 9</u> tal-kuntratt il-partijiet iddikjaraw illi qed "jitterminaw u jxolju, b'effett mil-lum stess, il-komunjoni ta' l-akkwisti gia ezistenti bejniethom, u jillikwidawha u jaqsmuha kif gej:". Imbagħad fl-istess klawsola l-partijiet jgħaddu sabiex jistipulaw kif id-dar matrimonjali kellha tinbiegħ u x'kellu jsir mir-rikavat.

54. Jgħidu hekk: "Il-partijiet jaqblu u jiftiehmu li, mir-rikavat ta' dan il-bejgħ, ghandhom jithallsu s-segwenti djun:" Id-djun qasmuwhom taħt tliet kapi: (i) id-dejn dovut lill-HSBC (sitt kontijiet b'kollox) in konnessjoni ma'

self fuq il-Fond kif ukoll "self ieħor tal-partijiet"; (ii) l-arretrati tal-kontijiet ta' dawl u ilma ghas-servizzi fil-Fond dovuti sa dakinhar; u (iii) "kreditu parafernali favur il-mara ta' tletin elf mitejn u wiehed u tmenin Ewro (€30,281)."

55. Il-qofol tal-kwistjoni ta' bejn il-partijiet hi dwar jekk dak il-kreditu tal-Appellanti fis-somma ta' €30,281 hux fil-konfront tal-assi komuni, kif jikkontendi l-Appellat; jew inkella hux fil-konfront tal-konvenut waħdu, kif tikkontendi l-Appellanti.

56. Fil-kuntratt *de quo agitur* il-partijiet iddikjaraw espressament illi "jaqblu u jiftiemu li s-self indikat fil-paragrafu (i)(a)[6] ittieħed ghall-esigenzi u fl-interess tar-ragel wahdu, u ghalhekk sehem il-mara mill-prezz tal-bejgh tal-fond ga matrimonjali (*oltre* l-kreditu parafernali msemmi fil-paragrafu (iii)) ghandu jkun nofs il-bilanc li jifdal mill-imsemmi prezz wara li jitnaqqsu l-krediti li jkunu ghadhom dovuti mill-partijiet ghar-rigward tas-self indikat bl-ittri (b) sa (f) fil-paragrafu (i) aktar 'il fuq, u l-hlasijiet l-ohra imsemmija fil-paragrafu (ii) f'din l-istess klawsola".

57. Fil-fehma ta' din il-Qorti din il-klawsola hija ċara u ma kellha tagħti lok għal ebda diffikultà ta' interpretazzjoni.

---

[6] Waħda minn sitt faċilitajiet bankarji mal-HSBC Bank Malta plc

58. Fl-ewwel parti tagħha klawsola 9 telenka d-dejn li kellu jagħmel tajjeb għalih ir-rikavat tal-bejgħ tal-Fond ie. id-dejn mal-HSBC; id-dejn mal-ARMS u l-kreditu parafernali tal-Appellanti. Imbagħad jingħad illi espressament illi l-ewwel faċilità bankarja kien dejn li "ittiehed ghall-esigenzi u fl-interess tar-ragel wahdu". Fir-rigward tal-kreditu parafernali dovut lill-Appellanti ma jingħadx l-istess. Il-provi dokumentarji voluminużi u t-testimonjanza tal-Appellanti sabiex tiġġustifika li l-kreditu parafernali lilha dovut ma kienx dejn tal-komunjoni imma dejn personali tal-konvenut ma jsibx sostenn fl-istipulazzjonijiet kontenuta fil-kuntratt ta' separazzjoni.

59. Fl-istess klawsola 9 ikompli jingħad li ġej:

> "Ir-ragel jobbliga ruhu minn issa li, fi zmien erba' xhur mid-data tal-pubblikazzjoni tal-att tal-bejgh tal-fond ga matrimonjali fuq imsemmi, ihallas lill-mara, li taccetta, kwalunkwe bilanc li jista' jibqa' dovut lilha skond dan il-paragrafju, jekk mir-rikavat tal-bejgh[7] ma jkunx hemm bizzejjed fondi biex tigi sodisfatta s-somma dovuta lilha skond kif appena inghad."

60. Li kieku kif qed tgħid l-Appellanti l-kreditu parafernali lilha dovut kellu jittieħed unikament mis-sehem tal-konvenut, wieħed kien jistenna li l-kliem użat kien ikun ferm differenti. Tal-anqas kien jingħad illi jekk minn "sehem ir-raġel mir-rikavat ma jkunx bizzejjed" u mhux "jekk mir-rikavat tal-bejgh" kif jingħad fil-kuntratt. Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-kliem fil-kontrattazzjoni ta' bejn il-partijiet huwa ċar u ma kellu jagħti lok għall-ebda dubju.

[7] Sottolinear ta' din il-Qorti.

61. Din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti qabilha, tqis illi skont il-kuntratt ta' separazzjoni ta' bejn il-partijiet id-dejn dovut lill-Appellanti fis-somma ta' €30,281 kien dejn tal-komunjoni u mhux dejn tal-konvenut. Konsegwentement kellu jitħallas lilha mir-rikavat tal-bejgħ kieku l-Fond inbiegħ lil terzi, qabel ma jinqasam il-bilanċ. Kif kien ġia ordnat li jsir fis-sentenza tal-2012. Peress li l-Fond xtratu l-Appellanti, eventwalità li ma ġietx kontemplata fil-kuntratt tas-separazzjoni, u peress li l-attriċi iddepożitat nofs il-prezz tal-Fond u mhux il-prezz sħiħ, isegwi illi l-flus li l-Appellanti iddepożitat jirrappreżentaw flus appartenenti lill-konvenut waħdu u mhux fondi komuni.

62. Għamlet sew l-Ewwel Qorti meta ddikjarat illi *una volta* ġie depożitat biss nofs il-prezz tal-Fond, il-konvenut kellu jħallasha nofs l-ammont ta' €30,281 u mhux l-ammont sħiħ kif tippretendi l-Appellanti.

**63. Għalhekk qed tiċħad l-ewwel aggravju.**

64. Permezz tat-tieni aggravju l-Appellanti tgħid illi f'kull każ l-Ewwel Qorti "ma setgħetx tagħmel tpaċija jew tnaqqis minn kwalunkwe ammont dovut lill-esponenti mill-konvenut appellat billi l-konvenut la qajjem eċċezzjoni ta' tpaċija u lanqas ippreżenta xi kontro-talba sabiex jiġi kanonizzat kreditur ta' l-esponenti." Tgħid illi l-kontestazzjoni tal-

konvenut kienet illi huwa ħallas kollox u li għalhekk meta l-Ewwel Qorti applikat it-tpaċija "hija iddeċidiet *ultra petita* u *extra petita"*. Tikritika għalhekk is-sentenza appellata fejn ġie dikjarat illi mill-ammont dovut lill-Appellanti mill-Apellat kellu jitnaqqas l-ammont ta' €10,888.15, flus dovuti lill-Appellat mill-Appellanti, dejjem skont il-kuntratt tas-separazzjoni. Tinsisti l-Appellanti li dak l-ammont qatt ma kien il-mertu tal-kawża odjerna u li għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex tippronunzja ruħha dwaru. Tgħid illi t-tielet eċċezzjoni li l-konvenut "m'għandu jagħti xejn" lill-attriċi ma hix l-eċċezzjoni ta' tpaċija. <u>Tkompli tgħid illi "jekk il-konvenut appellat ghandu xi pretensjoni ghal xi kreditu kontra l-esponenti huwa ghandu l-ewwel jipprocedi kontra tagħha u jekk jigi dikjarat illi huwa kreditur tagħha imbagħad hemm biss l-esponenti tkun obbligata ili thallsu." (sottolinear tal-Qorti).</u>

65. L-Appellat jilqa' għal dan it-tieni aggravju billi jgħid illi d-difiża tiegħu kienet illi huwa ma għandu jagħti xejn lill-Appellanti mhux minħabba xi pretensjoni ta' kreditu li għad għandu favur tiegħu u li jista' jwassal għal tpaċija "iżda sempliċement għaliex meta jiġi adottat il-metodu ordnat fis-sentenza tat-30 ta' Lulju, 2012, jirriżulta li l-kreditu li qiegħda tippretendi l-attriċi fil-fatt diġa ġie saldat". Jgħid illi l-Ewwel Qorti ma setgħetx tikkonsidra t-talba għall-kanonizzazzjoni tas-somma ta' €30,281 *in vacuo* iżda kellha tieħu inkonsidrazzjoni sew dak li jingħad fil-kuntratt ta' separazzjoni kif ukoll dak li ġie deċiż fis-sentenza tat-30 ta' Lulju, 2012.

Ikkunsidrat;

66. Dwar l-aggravju illi s-sentenza appellata hija "extra petita" u "ultra petita", issir referenza għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn jingħad illi l-konvenut "ma għandu jagħti xejn lir-rikorrenti" (tieni eċċezzjoni). Fit-tielet eċċezzjoni mbagħad jirreferi għas-sentenza tat-30 ta' Lulju, 2012 u jgħid illi l-Qorti kellha tieħu inkonsiderazzjoni dak hemm deċiż inkluż dwar "x'kellhom jircievu u jhallsu l-partijiet rispettivament".

67. Għalkemm l-Ewwel Qorti ma kkunsidratx li kienet rinfaċjata b'ġudikat speċjalment dwar jekk is-somma ta' €30,281 kenitx dejn tal-komunjoni jew dejn esklussiv tal-konvenut; xorta waħda kellha tieħu inkonsiderazzjoni, kif fil-fatt għamlet, dak deċiż fis-sentenza tat-30 ta' Lulju, 2012. Tant ma njoratx dak li ġie hemm deċiż illi rriproduċitu u iċċitatu b'mod estensiv, b'mod partikolari fejn dik is-sentenza ordnat kif kellhom isiru l-ħlasijiet mir-rikavat tal-bejgħ tal-Fond u x'kellha tagħti l-Appellanti lill-Appellat. F'dik is-sentenza ġie ordnat li l-Appellanti kellha tagħti lill-konvenut is-somma komplessiva ta' €8,394.96[8] mill-fondi personali tagħha u mhux mill-fondi komuni. Kif rajna ma sar l-ebda appell minnha dik is-sentenza u la ġie allegat u wisq anqas ippruvat li dak l-ammont sal-lum tħallas. Mhux minnu kif tgħid l-Appellanti illi l-Ewwel

[8] €7,297.81 + €1,097.15

Qorti marret *ultra petita* jew *extra petita* meta kkunsidrat x'ammonti kien hemm dovuti mill-Appellanti lill-Appellat.

68. *Inoltre* din il-Qorti tosserva illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti fl-ebda mument ma użat il-kelma "tpaċija" kif donnha tagħti x'tifhem l-Attriċi bit-tieni aggravju tagħha.

69. Ir-regoli ta' tpacija jiddisponu li din isseħħ *ipso iure* meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, wkoll minghajr ma jkunu jafu. Jekk ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, id-djun jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs. It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun konsistenti f'somom ta' flus u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistghu jintalbu. (**Artikoli 1196 u 1197 tal-Kodiċi Ċivili).**

70. In tema legali, inżamm illi hu prinċipju li ma tistax issir tpaċija, lanqas waħda ġudizzjali, meta żewġ debiti ma jkunux likwidi u esiġibbli. (**Rosaria Portelli noe. v. Joseph Portelli** - Qorti tal-Appell - 14 ta' Frar, 1941). Għalkemm **Artikolu 1196 tal-Kap. 12** in materja ta' kumpensazzjoni jipprovdi illi meta tnejn min-nies huma debituri ta' xulxin issir bejniethom tpaċija, dan l-artikolu jippresupponi "l-awtonomija tar-rapporti li għalihom jirreferu l-krediti kontrapposti tal-partijiet. Li jfisser li t-tpaċija ma toperax ruħha jekk il-krediti joħorġu mill-istess rapport negozjali. F'każ bħal dan jista' *se mai* ikun hemm tpaċija f'sens improprju,

ossija is-sempliċi aċċertament kontabbli ta' dak li wieħed għandu jagħti jew jirċievi." (**Julian Cachia v. John Borg** - Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) - 9 ta' Marzu, 2005).

71. U dak li għamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. L-aċċertament kontabbli naxxenti mill-istess kuntratt; sew dwar dak li kellha tħallas u tirċevi l-attriċi kif ukoll dwar dak li kellu jħallas u jirċevi l-konvenut; kollox skont il-kuntratt tas-separazzjoni kif interpretat fis-sentenza appellata, meħud in konsiderazzjoni wkoll dak deċiż fis-sentenza tal-2012. L-Ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni l-ammont li skont is-sentenza tal-2012 l-attriċi kellha tħallas lill-konvenut peress li ma ottemperatx ruħha mal-kuntratt tas-separazzjoni meta waqfet teffettwa l-pagamenti mensili lill-bank. Ħadet inkonsiderazzjoni dak l-ammont dovut mill-attriċi lill-konvenut, *una volta* iddeċidiet x'kien l-ammont dovut mill-konvenut lill-attriċi.

72. Din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fl-eżerċizzju li għamlet l-Ewwel Qorti; anzi tqis illi għamlet sew li ma aċċettatx is-suġġeriment tal-attriċi, suġġeriment intiż sabiex il-litiġji ta' bejn il-partijiet ikomplu jipperpetwaw ruħhom. Is-sentenza tal-2012 kienet ikkontemplat li l-Fond ser jinbiegħ lil terzi wara li ordnat illi oblaturi estranei kienu ammessi għall-irkant. Ma ikkontemplatx li l-Fond kien ser jinxtara minn xi ħadd mill-partijiet. Però, bil-fatt li l-Fond, ossia nofs indiviż tal-Fond, inxtara mill-

Appellanti, ma jbiddel xejn minn dak li kellhom jirċievu u jħallsu rispettivament il-partijiet inkluż kif ordnat bis-sentenza tal-2012.

73. Jingħad fis-sentenza appellata illi "... kieku l-partijiet mxew ma' dak li ġie maqbul fil-kuntratt tas-separazzjoni, li kellu jsir kien illi mir-rikavat tal-bejgħ (€255,000) kellhom l-ewwel jitnaqqsu d-djun tal-bank li ġie miftiehem ser jitħallsu bejniethom mir-rikavat (il-Qorti qiegħda tassumi s-somma ta' €99,459.14 kif ukoll il-kreditu parafernali ta' €30,281)..." L-Ewwel Qorti semmiet is-somma ta' "€99,459.14" peress li jirriżulta illi wara l-bejgħ bl-irkant l-attriċi ħallset direttament lill-bank is-somma ta' €49,729.52, rappreżentanti nofs il-bilanċi dovuti miż-żewġ partijiet flimkien lill-bank fuq ħames faċilitajiet bankarji. Skont il-kuntratt tas-separazzjoni ppubblikat fl-10 ta' Lulju, 2009 il-bilanċ komplessiv ta' dawn il-ħames faċilitajiet kien ta' mija u sittax-il elf, mitejn u tmienja u disgħin ewro u sitta u tletin ċenteżmu (€116,298.36)[9] Id-differenza donnha tirrifletti l-pagamenti li l-konvenut għamel waħdu wara l-kuntratt tas-separazzjoni, li kienu jkopru wkoll sehem l-ammonti li suppost skont il-kuntratt kellha tħallas l-attriċi. Il-faċilità bankarja li skont il-ftehim kellu jitħallas mill-Appellat waħdu kien ġie indikat fil-kuntratt li kellu bilanċ ta' €76,938.67. Mill-atti jirriżulta illi wara li l-attriċi iddepożitat l-ammont ta' €127,500.00 fl-atti tas-subbasta sabiex il-Fond ġie liberat favur tagħha, HSBC Bank Malta plc ippreżenta rikors fit-12 ta' Lulju, 2013 fejn talab li

[9] 21,523.34 + 1,025.88 + 26,861.05 + 53,346.46 + 13,541.63 = €116,298.36

jiżbanka s-somma ta' €119,472.56 rappreżentanti l-ammont bilanċjali dovut lill-bank wara li l-attriċi ħallset sehemha.

74. Meta l-attriċi iddepożitat taħt l-awtorità tal-Qorti s-somma ta' €127,500.00 hija ma osservatx is-sentenza tat-30 ta' Lulju, 2012 li kienet ordnat li mal-bejgħ tal-Fond l-attriċi tħallas lill-konvenut is-somma ta' €8,394.96[10] rappreżentanti sehemha mill-ħlasijiet li l-konvenut għamel lill-bank u lill-ARMS. Li l-Appellanti tiġi issa tgħid li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tikkonsidra dan id-dejn tagħha favur il-konvenut huwa sintomatiku għaliex *nonostante* li l-partijiet ilhom li sseparaw "bonarjament" sa mill-10 ta' Lulju, 2009, għadhom sal-lum, aktar minn erbatax-il sena wara, jillitigaw il-Qorti bi pjan espress mill-istess Appellanti fir-rikors tal-appell tagħha li għad jonqos litigazzjoni x'issir sabiex il-kwistjonijiet pendenti naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni personali jiġu finalment u definittivament riżolti. Aġir dan li jismaskera pika aspra li wara aktar minn erbatax-il sena mill-kuntratt tas-separazzjoni l-partijiet ma kellhomx il-ħila, jew aħjar ir-rieda, li jġibu fi tmiemha. Dwar dan il-Qorti ser tkun qed tipprovdi meta tiġi sabiex tiddeċiedi l-kap tal-ispejjeż.

**75. Issib għalhekk it-tieni aggravju tal-Appellanti bħala totalment infondat u qed tiċħdu.**

[10] €7,297.81 + €1,097.15 = €8,394.96

76. Permezz tat-<u>tielet aggravju</u> tagħha l-Appellanti tgħid illi l-Ewwel Qorti naqset meta ma ordnatx l-imgħax fuq l-ammont lilha dovut b'effett minn erba' (4) xhur mid-data tal-bejgħ b'liċitazzjoni. Il-bejgħ b'liċitazzjoni seħħ fl-4 ta' Ottubru, 2012 u għalhekk tikkontendi li l-imgħax legali beda jiddekorri b'effett mill-4 ta' Frar, 2013. Tgħid illi anke jekk din il-Qorti tiddeċiedi illi għandha tieħu anqas mill-ammont minnha reklamat; xorta waħda għandha jedd għall-imgħax legali fuq l-ammont kanonizzat mid-data taċ-ċitazzjoni u mhux mid-data tas-sentenza u tiċċida ġurisprudenza in sostenn ta' din il-propożizzjoni

77. L-Appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid illi huwa qed jikkontesta d-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li għandu jagħti xi ammont lill-Appellanti u għalhekk qed iressaq appell inċidentali.

78. Jgħid illi fi kwalunkwe każ il-*fattispecie* tal-każ huma tali li l-bilanċ dovut ma setax ikun ċert qabel ma ngħatat is-sentenza appellata u għalhekk iqis li l-imgħax ma kellux jiddekorri qabel ma ngħatat is-sentenza appellata. Fl-istess ħin jirreferi għas-sentenza appellata illi tipprovdi li ebda mgħax ma hu dovut jekk jirriżulta li l-ammont kanonizzat jinsab depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti. Jagħlaq dwar dan l-aggravju billi jirreferi għaż-żmien li l-Appellanti ħadet sabiex għalqet il-provi tagħha quddiem l-Ewwel Qorti, mit-28 ta' Jannar, 2014 sal-5 ta' Diċembru, 2017, filwaqt li huwa ressaq il-provi kollha tiegħu bejn il-31 ta' Jannar, 2018 u l-

11 ta' April, 2018. Jgħid illi ma għandux jiġi penalizzat għal dewmien u dilungar li għalih hija responsabbli l-Appellanti.

Ikkunsidrat;

79. Fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ordnat li l-Appellat iħallas lill-Appellanti l-imgħax fuq l-ammont kanonizzat b'effett mill-21 ta' Frar, 2014, id-data meta l-konvenut ġie notifikat bir-rikors maħluf tal-attriċi, wara li fil-konsiderazzjonijiet iddikjarat illi mgħax jitħallas jekk jirriżulta illi ma hemmx biżżejjed fondi taħt l-awtorità tal-Qorti sabiex jissodisfaw l-ammont kanonizzat.

80. Huwa mifhum illi meta l-ammont li jintalab li jiġi likwidat huwa faċilment determinabbli l-imgħax ma għandux jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza li tillikwida l-ammont imma mid-data tal-interpellazzjoni ġudizzjarja fit-termini tal-Artikolu 1141 (2) tal-Kodiċi Ċivili.

81. L-appellanti permezz ta' dan l-aggravju qed titlob li tingħata l-imgħax b'effett mill-iskadenza tar-raba' xahar wara l-bejgħ. Pretensjoni nieqsa minn kwalunkwe fondament legali.

82. Skont para. 7.7 tar-rikors tal-appell l-Appellanti tgħid illi hija ddepożitat is-somma ta' €127,500 u l-bank żbanka minnha s-somma ta' €119,472.56. Għalhekk jirriżulta illi taħt l-awtorità tal-Qorti għad hemm depożitata s-somma ta' €8,027.44. Wara li jittieħed kont tal-ammont

dovut mill-Appellanti lill-Appellat, jirriżulta illi effettivament l-ammont li għad jonqos tirċevi l-Appellanti ilu depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti mill-2012. Din il-Qorti għalhekk ssib illi l-ebda mgħax ma hu dovut lill-Appellanti. Aktar dwar dan l-aspett tal-vertenza fil-konsiderazzjonijiet tal-appell inċidentali.

83. **Għaldaqstant tiċħad it-tielet aggravju tal-Appellanti**.

84. Permezz tar-<u>raba' aggravju</u> l-Appellanti tgħid illi hija ma kellha tiġi akkollata l-ebda spejjeż fis-sentenza appellata.

85. Tali aggravju kien ikollu fondatezza kieku l-appell tagħha ġie akkolt. Kif rajna din il-Qorti qed issib illi l-aggravji kollha mressqa mill-Appellanti qed jiġu miċħuda. Per konsegwenza anke r-raba' aggravju, konsegwenzjali għall-aggravji preċedenti, qed jiġi miċħud.

**Appell Inċidentali.**

86. Permezz tal-appell inċidentali minnu mressaq l-Appellat jitlob, għar-raġunijiet hemm imsemmija, illi din il-Qorti "filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ċaħdet it-talbiet attriċi, tħassarha u tirrevokaha in kwantu (i) stabbiliet li l-attriċi hija kreditriċi tal-esponenti fis-somma ta' €4,252.35, (ii) kkundannat lill-esponent jħallas lill-attriċi dan l-ammont, (iii) awtorizzat lill-attriċi tiżbanka dan l-ammont mir-rikavat tal-bejgħ, (iv) ikkundannat lill-esponent iħallas lill-attriċi imgħax fuq is-somma ta'

€4,252.35 mill-21 ta' Frar, 2014, u (v) ordnat li l-ispejjeż ġudizzjarji jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet, u minflok tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha tal-attriċi bl-ispejjeż kontra tagħha."

87. Permezz tal-ewwel aggravju l-Appellat (l-Appellant inċidentali) jgħid illi l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta qalet li l-kalkoli tal-konvenut huma matematikament skorretti u li fadal bilanċ x'jitħallas lill-attriċi. Jgħaddi sabiex jagħmel kalkolu dettaljat dwar kif iqis li kellu jiġi spartit ir-rikavat mill-bejgħ bl-irkant ġudizzjarju li kieku l-Fond inbiegħ lil terzi.

Ikkunsidrat;

88. Il-Qorti eżaminat il-konteġġi magħmula mill-Appellant inċidentali u ssib illi l-konteġġi hemm magħmula huma difettużi u żbaljati. *Ad exemplum*, jgħid l-Appellant inċidentali illi kieku wieħed jieħu in konsiderazzjoni illi l-Fond inxtara minn terz u ddepożita s-somma ta' €255,000 kellu l-ewwel jitnaqqas minnhom l-ammont dovut lill-bank miż-żewġ partijiet flimkien li l-Appellant inċidentali jindika bħala €49,379.25. Dan huwa ammont manifestament żbaljat għaliex l-ammont li kellu jitħallas flimkien mill-partijiet lill-bank ma kienx €49,379.25 imma aktar mid-doppju ie. €99,459.14. Dwar dan l-Ewwel Qorti kienet diġà ċanfritu lill-konvenut meta fis-sentenza appellata rrimarkat illi "r-raġunament tal-konvenut ma jsegwi l-ebda loġika jew matematika u dan għahliex huwa jitlaq mill-premessa żbaljata li d-dejn fuq il-kontijiet kien ta' €49,729.57...."

Jidher li l-Appellant inċidentali ma tgħallem xejn mis-sentenza appellata u ta' dan l-appell inċidentali fieragħ il-Qorti ser tkun qed tipprovdi meta tiġi sabiex tiddeċiedi l-kap tal-ispejjeż.

89. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-Appellant inċidentali jgħid illi fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti ddikjarat fil-konsiderazzjonijiet illi l-ebda mgħax ma għandu jkun dovut fuq is-somma dovuta lill-Appellanti jekk jirriżulta li l-ammont jinsab depożitat il-Qorti, filwaqt li fid-*decide* ordnat li fuq is-somma ta' €4,252.35 għandu jitħallas imgħax b'effett mill-21 ta' Frar, 2014 mingħajr ma pprovdiet li l-ebda mgħax ma għandu jkun dovut jekk jinstab li l-ammont kanonizzat huwa kopert bl-ammont depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti.

90. Dan l-aggravju jidher fondat. Jidher illi bi zvista l-Ewwel Qorti ma nkluditx fil-parti operattiva tas-sentenza l-konsiderazzjoni minnha stess aktar qabel magħmula, illi l-ebda mgħax ma kien dovut jekk l-ammont kanonizzat kien depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti. Għalhekk tqis dan l-aggravju fondat b'dan illi s-sentenza appellata ser tiġi riformata sabiex tirrifletti l-konsiderazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward.

91. Permezz tat-<u>tielet aggravju</u> l-Appellant inċidentali jilmenta illi l-Ewwel Qorti ordnat li l-ispejjeż jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet. Jgħid illi huwa ma jaħti xejn li l-kwistjoni spiċċat il-Qorti. Jgħid illi n-nuqqas ta' qbil kien riżultat tal-fatt li l-Fond ma nxtarax minn terz imma mill-attriċi.

Ikkunsidrat;

92. Dan huwa aggravju fieragħ. Huwa evidenti għal din il-Qorti illi l-kwistjoni spiċċat quddiem il-Qorti mhux għaliex il-Fond inxtara mill-attriċi imma frott l-intransiġenza taż-żewġ partijiet. Għalhekk tiċħad dan l-aggravju.

93. Tqis illi jirriżultaw l-estremi sabiex sew l-Appellanti kif ukoll l-Appellant inċidentali jiġu kkundannati rispettivament l-ispejjeż għal darbtejn.

**Decide.**

Għar-raġunijiet fuq mogħtija, din il-Qorti qiegħda,

**Tiċħad** l-appell prinċipali.

**Tiċħad** l-ewwel u t-tielet aggravju fl-appell inċidentali filwaqt li **tilqa'** t-tieni aggravju fl-appell inċidentali u tvarja s-sentenza appellata billi tordna illi l-imgħax fuq is-sorte jiddekorri biss jekk jirriżulta illi l-ammont rimanenti depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti mill-attriċi ma hux biżżejjed sabiex jissodisfa l-ħlas tas-sorte, u jiddekorri biss fuq dak l-ammont mis-sorte li jeċċedi l-ammont hekk depożitat.

**Mill-bqija** tikkonferma s-sentenza appellata.

**Bl-ispejjeż** in kwantu għall-appell prinċipali kontra l-attriċi appellanti; u in kwantu għall-appell inċidentali kontra l-konvenut appellant inċidentali.

**Peress** illi din il-Qorti qed issib l-appell prinċipali imressaq mill-attriċi bħala fieragħ u vessatorju, wara li rat **Artikolu 223 (4)** tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-attriċi Appellanti tħallas l-ispejjeż tal-appell prinċipali għal darbtejn.

**Peress** illi din il-Qorti qed issib l-appell inċidentali mressaq mill-konvenut bħala fieragħ u vessatorju, wara li rat **Artikolu 223 (4)** tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, tikkundanna lill-konvenut Appellant inċidentali iħallas l-ispejjeż tal-appell inċidentali għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss